

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > [Finland](#)

Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut minn
Finlandja

Finlandja



Din il-paġna tagħtik deskrizzjoni ġenerali tal-professjonijiet legali fil-Finlandja.

Il-professjonijiet legali – Introduzzjoni

Il-professjonijiet legali fil-Finlandja jinkludu mħallfin tal-qorti, prosekuturi pubbliċi, avukati tal-għajnuna legali pubblika, avukati, konsulenti legali liċenzjati, nutara pubbliċi u uffiċjali ġudizzjarji.

Prosekuturi

Organizzazzjoni

L-Awtorità Nazzjonali tal-Prosekuzzjoni timpjega madwar 550 persuna. Xi 400 minnhom huma prosekuturi. Barra minn hekk, l-Awtorità timpjega madwar 150 persuna f'diversi karigi ta' sostenn u esperti.

L-Awtorità Nazzjonali tal-Prosekuzzjoni tikkonsisti mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali li jaġixxi bħala l-unità amministrattiva ċentrali, u ħames Distretti tal-Prosekuzzjoni: il-Finlandja tan-Nofsinhar, il-Finlandja tal-Punent, il-Finlandja tat-Tramuntana, il-Finlandja tal-Lvant u Åland. Hija għandha 34 sit madwar il-Finlandja.

L-Awtorità Nazzjonali tal-Prosekuzzjoni titmexxa mill-Prosekutur Ġenerali bħala l-ogħla prosekutur fil-pajjiż.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali huwa responsabbli għall-amministrazzjoni ċentrali, id-direzzjoni u s-supervizzjoni tal-Awtorità Nazzjonali tal-Prosekuzzjoni u l-operat tagħha b'mod ġenerali. Id-Distretti tal-Prosekuzzjoni jagħmlu x-xogħol tal-prosekuzzjoni proprja.

L-Awtorità Nazzjonali tal-Prosekuzzjoni taqa' taħt il-mandat amministrattiv tal-Ministeru għall-Ġustizzja.

Kompiti

L-Awtorità Nazzjonali tal-Prosekuzzjoni hija awtorità indipendenti tal-istat u parti mill-ġudikatura. Il-kompitu tiegħu huwa li jiżgura li jkun hemm responsabbiltà kriminali, jiġifieri li reat ikun punibbli b'piena skont il-liġi. Il-prosekuturi jieħdu d-deċiżjonijiet ta' prosekuzzjoni tagħhom b'mod indipendenti u huma korpi ġudizzjarji indipendenti.

Fi proċedimenti kriminali, il-prosekutur pubbliku għandu l-aktar rwol sostanzjali x'jaqdi fost l-awtoritajiet pubbliċi, li fil-katina tal-proċedimenti jestendi mill-investigazzjonijiet ta' qabel il-proċess sal-proċedimenti tal-qorti. Prosekutur jista' jimponi wkoll multa għal reati minuri.

Id-dmirijiet tal-prosekutur jiffukaw prinċipalment fuq il-prosekuzzjoni u l-proċedimenti tal-qorti. Matul il-prosekuzzjoni, il-prosekuturi pubbliċi jiddeċiedu liema każijiet iressqu l-qorti abbażi tal-akkużi mressqa. Hija r-responsabbiltà tal-prosekutur pubbliku fi proċess li jipprova li r-reat li l-akkużat ikun akkużat bih ikun twettaq.

Il-prosekutur pubbliku jiżgura wkoll li l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess titwettaq biżżejjed fil-fond. Il-prosekutur isir jaf b'każijiet kriminali aktar kumplessi diġà fil-bidu tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u jista' wkoll, fuq proposta tal-kap tal-investigazzjoni, itemm l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess qabel l-istadju tal-akkuża.

Ir-rwol tal-prosekutur fl-investigazzjoni ta' qabel il-proċess huwa partikolarment importanti meta uffiċjal tal-pulizija jkun issuspettat li wettaq reat. F'każ bħal dan, il-prosekutur imexxi wkoll l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess.

Bażijiet ta' data ġuridiċi

Aktar informazzjoni tinsab fis-sit [tal-Awtorità Nazzjonali tal-Prosekuzzjoni](#).

Imħallfin

Organizzazzjoni

Fil-Finlandja, il-parti l-kbira tas-sentenzi tal-qradi jingħataw minn imħallfin professjonali. Fil-qradi distrettwali, hemm ukoll imħallfin onorarji. L-imħallfin huma membri ta' ġudikatura indipendenti. Huma jaqdu dmirijietom fil-Qorti Suprema, fil-qradi tal-appell u fil-qradi distrettwali, fil-Qorti Amministrattiva Suprema u fil-qradi amministrattivi, fil-Qorti tal-Assigurazzjoni, fil-Qorti Industrijali u fil-Qorti tas-Swieq. L-imħallfin huma uffiċjali statali u ma jistgħux jitneħħew mill-kariga tagħhom. Imħallef ma jistax jiġi sospiż mill-kariga tiegħu, ħlief b'sentenza ta' qorti tal-ġustizzja. Barra minn hekk, imħallef ma jistax jiġi ttrasferit f'kariga oħra mingħajr il-kunsens tiegħu.

Il-Kapitolu 12 tal-Att dwar l-Uffiċjali Pubbliċi fil-Gvern Ċentrali jinkludi dispożizzjonijiet ġuridiċi separati għall-imħallfin bħala impjegati taċ-ċivil. Skont il-liġi, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-liv, it-twiddib, l-impjeg temporanju u s-sensja tal-impjegati taċ-ċivil l-oħrajn ma japplikawx għall-imħallfin. Skont l-Att dwar l-Impjegati Pubbliċi fil-Gvern Ċentrali, imħallef huwa obligat jirreżenja mill-kariga hekk kif jagħlaq l-età statutorja tal-irtirar (għall-imħallfin din hija 68 sena), jew meta jitlef ħiltu għax-xogħol b'mod permanenti.

Kompiti

Imħallfin

Persuna li tixtieq tikkwalifika bħala mħallef irid ikollha lawrja universitarja superjuri fil-liġi u trid tkun temmet taħriġ ta' sena bħala mħallef f'qorti tal-prim'istanza. Ir-rotta normali għall-professjoni ta' mħallef hija permezz ta' ħidma bħala skrivan arbitrali (segretarju anzjan) fil-qorti tal-appell, segwit minn ħatra bħala mħallef f'qorti distrettwali jew f'qorti tal-appell. Fil-ġejjieni, il-kandidati se jingħataw taħriġ speċjali. Il-qorti tal-appell tħabbar il-postijiet battala u l-Bord tal-Ħatriet Ġudizzjarji jevalwa kemm ikunu adattati l-applikanti. L-imħallfin jinħatru mill-President tar-Repubblika.

Imħallfin onorarji

Il-qradi distrettwali għandhom membri onorarji jew "imħallfin onorarji" li jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet f'ċerti kawżi. Fil-parti l-kbira, l-imħallfin onorarji jintużaw fil-kawżi kriminali, imma jistgħu jaqdu dmirijietom anki fi kwistjonijiet ċivili u f'tilwim dwar kiri ta' proprjetà. F'qorti distrettwali, kawża tinstema' minn imħallef permanenti wieħed, li jagħmilha ta' president, u minn tliet imħallfin onorarji. L-imħallfin onorarji jingħataw setgħat indipendenti u, meta jkun meħtieġ, tintlaħaq deċiżjoni permezz ta' votazzjoni; l-opinjoni tal-maġġoranza tiddeċiedi l-verdett. F'kawża kriminali, jekk ma tintlaħaqx maġġoranza, tipprevali l-opinjoni l-iktar vantaġġuża għall-akkużat; f'kawża ċivili, il-president ikollu l-vot deċiżiv.

Il-kunsilli muniċipali jaħtru mħallfin onorarji għal termini ta' erba' snin. Kull municipalitè jrid ikollha mill-inqas żewġ imħallfin onorarji; il-muniċipalitajiet il-kbar għandhom għadd ferm ikbar. L-imħallfin onorarji għandhom jirrappreżentaw kemm jista' jkun mill-qrib l-istruttura tal-etajiet, tas-sessi, tal-lingwi u tax-xogħlijiet tal-municipalitè.

Imħallef onorarju jrid ikun ċittadin Finlandiż. Persuni li għandhom inqas minn 25 sena jew li għandhom iktar minn 63 ma jistgħux jinħatru mħallfin onorarji. Persuni li għandhom karigi uffiċjali fil-qradi jew fl-istituzzjonijiet penali ma jistgħux iservu bħala mħallfin onorarji, u lanqas dawk li jaħdmu bħala prosekuturi, avukati jew uffiċjali tal-pulizija. Imħallef onorarju jieħu l-ġurament ta' mħallef jew jagħmel dikjarazzjoni solenni qabel ma jieħu postu.

L-għan huwa li kull imħallef onorarju jipparteċipa f'seduta madwar bejn wieħed u ieħor darba fix-xahar jew 12-il darba fis-sena. Il-qorti distrettwali tħallas tariffa għas-seduta lill-imħallfin onorarji u tirrifondihom għat-telf fl-

introjtu.

Avukati tal-għajnuna legali pubblika

Organizzazzjoni

L-avukati tal-għajnuna legali pubblika huma avukati impjegati mill-Uffiċċji tal-Għajnuna Legali tal-Istat. Huma uffiċjali tal-Istat, maħtura fil-kariga mill-Ministru għall-Ġustizzja. L-uffiċċji tal-għajnuna legali huma ġestiti mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

Ir-rekwiżiti għal eliġibbiltà għall-kariga ta' avukat tal-għajnuna legali pubblika huma lawrja fil-liġi fuq il-livell ta' Master (*oikeustieteen kandidaatti jew oikeustieteen maisteri*) u esperjenza adegwata fl-avukatura jew fl-aġġudikazzjoni. Bosta avukati tal-għajnuna legali pubblika jkollhom ukoll t-titlu onorarju ta' *varatuomari* (Master tal-liġijiet b'taħriġ fil-qrati).

L-avukati tal-għajnuna legali pubblika jinħatru biex jidhru quddiem il-qrati tal-ġustizzja. Huma obbligati josservaw ir-regoli tal-kondotta professjonali xierqa għall-avukati fl-attivitajiet tagħhom. F'dan ir-rigward, huma suġġetti għas-setgħat dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati Finlandiża. Iktar minn nofs l-avukati tal-għajnuna legali pubblika fil-Finlandja huma membri tal-Kamra tal-Avukati. L-avukati tal-għajnuna legali pubblika huma indipendenti minn kwalunkwe attur ieħor fit-tweqqif ta' dmirijietom.

Avukati

Il-membri tal-Kamra tal-Avukati Finlandiża biss għandhom id-dritt li jużaw it-titli professjonali "asianajaja", (bl-Iżvediż) "advokat". Kull min japplika għas-sħubija fil-Kamra tal-Avukati Finlandiża jrid:

- ikun temm lawrja fil-Liġi fil-livell ta' Master (LL.M.), li tagħtih id-dritt li jikkupa kariga ġudizzjarja
- ikun magħruf bħala persuna ta' integrità
- ikollu bosta snin esperjenza fil-professjoni legali u f'attivitajiet ġudizzjarji oħrajn
- jgħaddi minn eżami speċjali li jkopri l-elementi bażiċi tal-professjoni legali u tal-etika professjonali
- ikun awtonomu u indipendenti minn kull influwenza min-naħa tal-gvern jew minn kull influwenza oħra, u jaqdi biss l-interessi tal-klijent tiegħu
- ikollu diversi kwalifiki oħrajn, kif xieraq.

Ir-responsabbiltajiet tal-avukati u s-superviżjoni tal-prattika tagħhom

F'termini ta' responsabbiltà penali jew ta' delitt, fil-prinċipju, ir-responsabbiltà ta' avukat ma tvarjax mir-responsabbiltà ta' ċittadini oħrajn. Madankollu, kull avukat irid ikollu assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili li tkopri d-danni li jirriżultaw minn kwalunkwe ħaġa għajr premeditazzjoni jew negliġenza serja. Il-Kamra tal-Avukati stabbiliet fond ta' kumpens, biex tkopri d-danni li jirriżultaw mill-kondotta kriminali ta' avukat.

Barra minn hekk, avukat għandu responsabbiltà professjonali. Il-bord tal-Kamra tal-Avukati jrid jiżgura li l-avukati jaqdu dmirijietom skont l-etika professjonali. Meta ma jagħmlux hekk, il-Kamra tal-Avukati tibda proċeduri dixxiplinari, li ħafna drabi jibdeu bi lment jew twissija bil-miktub. Il-Kanċillier tal-Ġustizzja jiġi informat bid-deċiżjonijiet li tkun ħadet il-Kamra tal-Avukati, u jkun jista' jippreżenta appelli minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Helsinki.

Il-Kamra tal-Avukati Finlandiża hija organizzazzjoni rregolata mid-dritt pubbliku, u mill-Att dwar l-Avukati tal-1958. Qabel din l-organizzazzjoni kien hemm assoċjazzjoni rreġistrata bl-istess isem. Il-membri kollha taż-żewġ organizzazzjonijiet huma, u minn dejjem kienu, avukati.

Il-Kamra tal-Avukati għandha madwar 1 850 membru, li jissejġu "avukati" (bil-Finlandiż: *asianajaja* bl-Iżvediż: *advokat*). Id-ditti legali jimpjegaw madwar 600 avukat assoċjat. Madwar 120 avukat huma avukati tal-għajnuna legali pubblika. L-uffiċċji tal-għajnuna legali jimpjegaw ukoll iktar minn 100 avukat tal-għajnuna legali li mhumiex membri tal-Kamra tal-Avukati.

Avukati li jitkeċċew mill-Kamra tal-Avukati wara miżuri dixxiplinari xorta jistgħu jkomplu jeżerċitaw il-professjoni tiegħu b'titlu professjonali ieħor. Madankollu, f'tali każ, l-avukat jeżerċita mingħajr l-obbligi ta' avukat u mhux taħt is-superviżjoni tal-Kamra tal-Avukati.

Ċittadin tal-Finlandja jew ta' kwalunkwe Stat ieħor fiż-Żona Ekonomika Ewropea li għalaq il-25 sena, jista' jiġi aċċettat bħala avukat, jew ikun magħruf li jkun onest u, jkun magħruf ukoll li l-karatteristiċi u l-istil ta' ħajja tiegħu jkunu adattati għall-professjoni tal-avukat. Huwa jrid jissodisfa r-rekwiżiti akkademiċi stipulati fil-Finlandja għal kariga ġudizzjarja, ikun kiseb il-ħiliet meħtieġa sabiex jeżerċita bħala avukat u jkollu esperjenza tax-xogħol fl-avukatura. Barra minn hekk, ma jridx ikun fallut u jrid ikollu kapaċità ġuridika sħiħa.

F'konformità mal-impenji internazzjonali li daħlu fis-seħħ fil-Finlandja, persuna li ma tissodisfax ir-rekwiżiti akkademiċi u lanqas ma tkun kisbet l-esperjenza tax-xogħol meħtieġa fil-Finlandja — imma li jkollha l-kwalifiki professjonali ta' avukat f'wieħed mill-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea — tista' tiġi aċċettata bħala avukat. F'każijiet bħal dawn, l-applikant irid juri, f'eżami tal-Kamra tal-Avukati, li għandu biżżejjed għarfien tal-liġi Finlandiża u tal-prattika tal-liġi fil-Finlandja.

Barra minn hekk, persuna li jkollha l-kwalifiki professjonali ta' avukat minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tista' tiġi aċċettata bħala avukat mingħajr ma tagħmel l-ebda eżami. L-aċċettazzjoni ta' avukat li ma għamilx l-eżami hija bil-kundizzjoni li l-applikant ikun imdaħħal għal mill-inqas tliet snin fir-reġistru tal-avukati miżmum mill-Kamra tal-Avukati, bl-użu tat-titlu professjonali oriġinali tiegħu u li jkun ikkwalifikat biex jeżerċita l-professjoni ta' avukat fi Stat Membru ieħor (ir-reġistru tal-UE). Barra minn hekk, irid juri li jeżerċita b'mod regolari l-professjoni ta' avukat fil-Finlandja għal mill-inqas dak il-perjodu.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Aktar informazzjoni tinsab fis-sit tal-[Kamra tal-Avukati Finlandiża](#).

Konsulent legali liċenzjat

Konsulent legali liċenzjat huwa avukat li jkun kiseb liċenzja mill-Bord tal-Konsulenti Legali biex jaġixxi bħala konsulent legali. Il-konsulenti legali liċenzjati huma meħtieġa jikkonformaw mar-regoli ta' kondotta professjonali ekwivalenti għal dawk tal-Kodiċi ta' Kondotta meta jeżerċitaw ir-rwol ta' konsulent jew avukat fil-qorti. F'dan ir-rigward, il-konsulenti legali liċenzjati huma soġġetti għas-supervizzjoni mill-Bord Superviżorju tal-Kamra tal-Avukati Finlandiża, il-Bord tal-Konsulenti Legali u l-Kanċillier tal-Ġustizzja.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Aktar informazzjoni dwar il-lista ta' konsulenti legali tinsab fis-sit tal-[Ministeru għall-Ġustizzja Finlandiż](#).

Nutara pubbliċi

Fil-Finlandja, il-kompiti tan-nutara pubbliċi huma rregolati mil-liġi. In-nutara pubbliċi huma impjegati fl-uffiċċji lokali tar-reġistri u fl-uffiċċji distrettwali ġurisdizzjonali. Ir-rekwiżit sabiex wieħed ikun eliġibbli għall-kariga ta' nutar pubbliku huwa lawrja fil-liġi fil-livell ta' Master (oikeustieteen kandidaatti jew oikeustieteen maisteri).

Minkejja bosta elementi simili, id-dmirijiet tan-nutara pubbliċi fil-Finlandja jvarjaw ferm mid-dmirijiet tan-nutara fil-bqija tal-Ewropa u fl-Istati Uniti. Fil-Finlandja, nutar pubbliku jkun dejjem uffiċjal statali. Madankollu, in-nutara pubbliċi mhumiex karigi full-time; il-parti l-kbira tal-uffiċjali li jwettqu l-kompiti ta' nutara pubbliċi huma reġistraturi distrettwali f'uffiċċji lokali tar-reġistri. Minħabba d-duttrina tal-libertà kuntrattwali fil-kwistjonijiet ċivili, fil-Finlandja, il-konferma minn nutar pubbliku mhix prerekwiżit għall-validità tal-kuntratti. L-uniku kuntratt skont id-dritt ċivili li jeħtieġ ċertifikazzjoni notarili fil-Finlandja huwa t-trasferiment ta' titlu.

In-nutara pubbliċi jittrattaw iċ-ċertifikazzjoni ta', fost l-oħrajn, firem, kopji ta' ċertifikati u *curricula vitae*. In-nutara pubbliċi jistgħu jiċċertifikaw ukoll id-dokumenti b'postilla, ċertifikat li jikkonferma li l-firmatarju ta' dokument partikolari għandu l-pożizzjoni murija fid-dokument u li huwa awtorizzat joħroġ id-dokument.

Professjonijiet legali oħrajn

Awtoritajiet tal-eżekuzzjoni

L-Awtorità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni tal-Finlandja hija aġenzija taħt il-Ministeru għall-Ġustizzja, li hija responsabbli għall-prestazzjoni indipendenti tal-kompiti tal-eżekuzzjoni statutorja. L-eżekuzzjoni hija parti mis-sistema ġudizzjarja u hija bbażat fuq il-liġi. Il-kompiti ta' eżekuzzjoni jinkludu l-irkupru tal-pretensjonijiet, l-

iżgumbramenti u l-miżuri ta' garanzija. L-awtorità tal-eżekuzzjoni taġixxi b'mod imparzjali u tqis id-drittijiet kemm tal-kreditur kif ukoll tad-debitur. In-network ta' 64 uffiċċju tal-Awtorità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni jkopri l-Finlandja kollha.

Uffiċjal ġudizzjarju, jew uffiċjal tal-eżekuzzjoni, huwa terminu ġeneriku għall-uffiċjali tal-gvern li jwettqu l-kompiti tal-eżekuzzjoni. L-uffiċjali ġudizzjarji għandhom setgħat ta' eżekuzzjoni indipendenti.

Skont il-liġi, l-uffiċjali ġudizzjarji huma:

- L-ispetturi tal-eżekuzzjoni tal-Unità tal-Eżekuzzjoni Bażika;
- L-ispetturi tal-Eżekuzzjoni Anzjani tal-Unitajiet tal-Eżekuzzjoni Estensiva u Speċjali
- huma jaħdmu taħt it-tmexxija tal-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni Anzjani u
- l-Kapijiet Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni
- f'Åland, it-titoli ekwivalenti huma l-Ispettur tal-Eżekuzzjoni Anzjan u l-Uffiċjal Anzjan Provinċjali tal-Eżekuzzjoni.
- L-uffiċjali ġudizzjarji skont il-liġi jinkludu wkoll id-Direttur Ġenerali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni tal-Finlandja u l-Viċi Direttur.

Hemm ukoll titli legali oħrajn fl-Awtorità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni, bħal konsulent ekonomiku, speċjalista, uffiċjal ġudizzjarju amministrattiv u uffiċjal ġudizzjarju amministrattiv anzjan.

Il-maġġoranza tat-talbiet għal eżekuzzjoni jiġu ttrattati bl-użu ta' għodod elettroniċi ta' rkupru fl-Unità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni Bażika, u dan ma jirrikjedix kuntatt wiċċ imb wiċċ mad-debitur.

Fit-territorji rispettivi tagħhom, il-ħames unitajiet ta' eżekuzzjoni reġjonali għal eżekuzzjoni estensiva huma responsabbli, pereżempju, għall-bejgħ ta' proprjetà maqbuda (mandat ta' qbid) u kompiti oħra ta' eżekuzzjoni aktar esiġenti.

L-Unità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni Speċjali twestaq ħafna kompiti ta' eżekuzzjoni investigattivi u li jieħdu ħafna ħin, u hija involuta fil-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u fil-ġlieda kontra l-ekonomija klandestina u l-kriminalità ekonomika.

L-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni hija responsabbli għas-superviżjoni amministrattiva, l-iżvilupp u l-kontroll tas-servizz tal-eżekuzzjoni. L-Amministrazzjoni Ċentrali hija responsabbli wkoll għall-prestazzjoni u l-effettività tal-Awtorità kollha kemm hi.

L-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità mhijiex involuta f'kompiti ta' eżekuzzjoni individwali; l-unitajiet tal-eżekuzzjoni kollha jaġixxu b'mod indipendenti. Każijiet individwali ta' eżekuzzjoni dejjem jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-uffiċjal ġudizzjarju/tal-uffiċjal tal-eżekuzzjoni inkarigat mill-każ, u d-deċiżjonijiet meħuda f'każijiet ta' eżekuzzjoni individwali ma jistgħux, pereżempju, jiġu riveduti mill-Amministrazzjoni Ċentrali.

Aktar informazzjoni tinsab fis-sit [tal-Awtorità Nazzjonali tal-Eżekuzzjoni tal-Finlandja](#).

L-aħħar aġġornament: 19/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.